**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Frar, 2021**

**Talba Nru: 2/2021 PM**

**Calleja Ltd.**

**Vs**

**Lara Developments Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta' Jannar, 2021 illi permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet li dan it-Tribunal jiddikjara u jiddeciedi li s-socjeta` konvenuta hija debtrici tal-attrici fis-somma ta' tlett elef, sitt mija u erbghin euro u erbgha u tmenin centezmi (€3640.84) rapprezentanti merkanzija akkwistata u fornita u l-imghax relattiv ghall-istess dovut sad-data tal-prezentata tal-kawza u jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas l-istess somma lis-socjeta`attrici bl-imghax legali ulterjuri mill-5 ta' Jannar, 2021 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra legali tat-28 t' Ottubru, 2020 u dawk tal-prezenti, kontra s-socjeta` konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher hadd ghaliha ghas-seduta tat-12 ta' Frar, 2021 u ghas-seduta tal-lum.

Sema' x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici li, in succint, ikkonferma l-ammont mitlub bhala dovut mis-socjeta` konvenuta in rapprezentanza ta' prezz ta' fornituri u

imghax fuq l-istess sad-data tal-prezentata tal-kawza u f'dan is-sens ezebixxa, a sostenn tal-istess talba, *statement* datat 12 ta' Frar, 2021 u diversi fatturi mahrugin lis-socjeta` konvenuta. Huwa stqarr ukoll li l-ammont rapprezentanti l-prezz tal-merza huwa dak ta' €3467.28 kif jirrizulta mill-istess *statement* ezebit filwaqt li r-rimanenti bilanc ta' €173.56 jirrapprezenta l-imghaxijiet fuq l-istess sad-data tal-pprezentata tal-kawza ossija sal-5 ta'Jannar, 2021.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi s-socjeta` konvenuta ghazlet li la tattendi ghas-seduti u lanqas ma tressaq r-risposta taghha ghat-talba u kwindi a tenur tal-art. 13(b) tal-**Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar**, it-Tribunal jista' jghaddi ghad-decizjoni abbazi tal-provi migbura.

Illi l-ammont mitlub jirrizulta dovut skont ix-xhieda bil-gurament tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici liema xhieda baqghet qatt ma giet kontestata. Jirrizulta wkoll li l-ammont dovut jirrapprezenta prezz ta' diversi forrnituri ta' merca mis-socjeta` attrici lill-konvenuta li hija socjeta` kummercjali. Konsegwentement it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa' t-talba attrici kif dedotta bl-ispejjez, salv ghal dawk koncernanti l-ittra legali li ma gewx pruvati, u bl-imghaxijiet skont l-art. 1141 tal-**Kodici Civili** mill-5 ta' Jannar, 2021 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess socjeta` konvenuta.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma mitluba ta' tlett elef, sitt mija u erbghin euro u erbgha u tmenin centezmi (€3640.84) rapprezentanti merkanzija akkwistata u fornita u l-imghax relattiv dovut sal-5 ta' Jannar, 2021, bl-ispejjez, salv ghal dawk tal-ittra legali, u bl-imghaxijiet fuq is-somma ta' tlett elef, erba' mija u sebgha u sittin euro u tmienja u ghoxrin centezmi (€3467.28) mill-5 ta'Jannar, 2021 sad-data tal-pgament effettiv kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**